# In-Niċċa ta' San Pawl tas-Saqqajja fir-Rabat



Nhar il-Ħadd, 9 ta' Frar 2003, lejlet il-festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl, l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, flimkien mal-Kunsill Lokali tar-Rabat u l-Ministeru ta' l-Infrastruttura u Riżorsi, organizzaw serata ta' tagħrif storiku u informazzjoni dwar ix-xogħol li sar fuq din in-niċċa ta' San Pawl, li hi meqjusa bħala monument nazzjonali.

L-inawgurazzjoni tar-restawr ta' din in-niċċa sar mill-Onor. Ministru Dr. Francis Zammit Dimech, fl-10 ta' filgħodu.

Il-programm beda bid-daqq ta' marċi mill-Banda L'Isle Adam, mal-wasla tal-Ministru msemmi, li ġie milqugħ mir-Rettur tal-Fratellanza ta' San Ġużepp, is-Sur Dominic Micallef, mis-Segretarju Ġenerali ta' l-istess fratellanza s-Sur Anthony Casha u mis-Sindku tar-Rabat is-Sur Rudolph Grima.

L-ewwel kelliem kien il-Perit Norbert Gatt, fejn f'idejh kellu t-tmexxija ta' dan ix-xogħol.

Wara dan, is-Sinjorina Daniela Talassi studjuża fuq ir-restawr tal-ġebel li mexxiet lill-ħaddiema Maltin fuq ir-restawr ta' din in-niċċa. L-istoriku Malti, is-Sur Tony Terribile ta tagħrif, aktar mid-devozzjoni li l-Maltin kellhom lejn San Pawl, l-aktar fil-każ ta' din in-niċċa, fi żmien il-ħakma tal-Franċiżi fuq il-Maltin.

Is-Sindku tar-Rabat, is-Sur Rudolph Grima, ukoll tkellem kif wasal biex sar dan il-proġett tar-restawr u ta' proġetti oħra simili, imma fuq skala iżgħar, li saru fir-Rabat.

Ir-Rettur ta' l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, is-Sur Dominic Micallef, għamel kelmtejn ta' ringrazzjament lil kull min kellu x'jaqsam ma' dan ir-restawr li ħa 8 xhur xogħol



*Il-Ministru Dr. F. Zammit Dimech, milqugħ mir-Rettur u Segretarju Ġenerali ta' l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp.*

u lil dawk kollha li kienu preżenti u fl-aħħar stieden lill-Ministru Dr. Francis Zammit Dimech biex jagħmel id-diskors tiegħu.

Fl-aħħar, il-Banda L'Isle Adam għalqet il-programm bl-Innu lil San Pawl li kien indaqq bħala l-Innu Nazzjonali fis-sena 1960, is-sena ċentinarja Pawlina.